**QORTI TAL-MAĠISTRATI (GĦAWDEX)**
**BĦALA QORTI TA' ĠUDIKATURA KRIMINALI**

**Maġistrat Dr. Jean Paul Grech B.A., LL.D**
**M.Juris (Int. Law), Adv. Trib. Eccl. Melit**

**SENTENZA**

Mogħtija illum il-Ħamis, sitta u għoxrin (26) ta' Settembru 2024

Kawża Nru 350/2023

**Il-Pulizija**
**(Spettur Josef Gauci)**

Vs

**Osama Sayed**

Il-Qorti,

Rat l-akkużi miġjuba kontra **Osama Sayed**, imwieled fl-erbgħa (4) ta' Frar 1979 u residenti "Golditz", Flat 4, Triq l-Alka, San Pawl il-Baħar, detentur tal-karta tal-identita numru 136880(A) talli nhar is-sitta (6) ta' Diċembru 2022, għall-ħabta tal-għaxra ta' filgħodu (10:00hrs) u/jew fil-ħinijiet ta' wara, ġewwa Promenade Crt, Flat 18, Triq Miġel il-Baħar Żebbuġ, Għawdex:

(1) issoġġetta lil Martha Micallef għal xi att ta’ intimità fiżika;[1]

(2) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, talab favuri sesswali mingħand persuna oħra u cioe’ mingħand Martha Micallef;[2]

(3) u aktar talli fl-istess data, ħin, lok u ċirkostanzi, issoġġetta lil persuna oħra cioe’ lil Martha Micallef għal xi att u, jew imġiba li jkollhom konnotazzjonijiet sesswali, inklużi kliem bil-fomm, mossi u, jew għemil, il-wiri jew iċ-ċirkolazzjoni ta’ kliem miktuba, stampi, u jew xi materjal ieħor, fejn dak l-att, kliem, u jew imġieba m’humiex mixtieqa mill-vittma, u jkunu jistgħu raġonevolemnt jiġu kkunsidrati bħala offensivi, umiljanti, degradanti, u, jew intimidatorji lejha.[3]

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba li f’każ ta’ ħtija, bl-iskop li tipprovdi għas-sigurta’ tal-persuna offiża u cioe’ ta’ Martha Micallef, jew għaż-żamma tal-bon-ordni pubbliku, flimkien mall-piena jew minflok il-piena applikabbli għar-reat, torbot lill-ħati b’obbligazzjoni tiegħu nnifsu taħt penali ta’ somma ta’ flus, u dan ai terminu tal-artikolu 383 et seq. tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta’ Malta.

---

[1] Artikolu 251A(c) tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta’ Malta;
[2] Artikolu 251A(d) tal-Kap. 9
[3] Artikolu 251A(e) tal-Kap. 9

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba li toħrog ordni ta' protezzjoni, inkluża fil-mori tal-kawża kontra Osama Sayed, a benefiċċju ta' Martha Micallef, u dan ai termini tal-Artikolu 412C tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat illi l-atti odjerni ġew assenjati lil din il-Qorti kif preseduta nhar is-dsatax (19) ta' Frar 2024 tramite l-Assenjazzjoni ta' Kawżi u Doveri maħruġa ai termini tal-Artikolu 11(3) tal-Kap. 12 tal-Liġijiet ta' Malta u l-Artikolu 520 tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta;

Semgħet lill-Prosekuzzjoni, lill-Parte Civile u lid-Difiża jiddikjaraw fis-seduta tat-tlettax (13) ta' Marzu 2024 li huma kienu qegħdin jeżentaw lill-Qorti milli terġa' tisma' mill-ġdid ix-xhieda li kienu ġew prodotti sa dakinhar kif wkoll milli jiġu sottomessi mill-ġdid id-dokumenti preżentati sa dak l-istadju;

Rat il-provi kollha miġbura quddiem din il-Qorti diversament preseduta;

Semgħet ix-xhieda li tressqu quddiemha;

Rat wkoll il-provi miġbura fil-kawża numru 68/2024 fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Isabella Micallef***, liema provi l-partijiet fis-seduta tat-tmienja u għoxrin (28) ta' Mejju 2024 qablu li kellhom jgħoddu wkoll għal din il-kawża;

Semgħet is-sottomissjonijiet tal-partijiet;

Ikkunsidrat;

Il-fatti tal-każ huma s-segwenti: nhar id-disgħa u għoxrin (29) ta' Marzu 2023, Martha Micallef flimkien ma' ommha Isabella Micallef marru fl-Għassa tal-Pulizija tar-Rabat, Għawdex. Martha Micallef irrappurtat li f'Diċembru 2022 hija kienet bdiet tgħix għand ommha ġewwa Marsalforn. Darba fost l-oħrajn Osama Sayed kien qed jagħmel xi xogħol fl-appartament ta' ommha u Sayed qabbadha tiżbogħ. Hija stqarret li kienet għamlet hekk għaliex f'okkażżjoni preċedenti huwa kien qabbadha tagħmel xi xogħol u kien ħallasha tax-xogħol li għamlet. Martha Micallef kompliet tgħid li waqt li kienet qed tagħmel ix-xogħol, Sayed beda jkellimha doppju sens u hija ħassitha skomda. Qalet wkoll li imbagħad Sayed qalilha tpoġġi fuq is-sodda u assiguraha biex ma tibżax minnu. Hija poġġiet fuq is-sodda u għalqet għajnejha kif sewwasew qalilha Sayed. Wara ftit Sayed beda jbusilha saqajha. X'ħin Martha ħasset dan hija imbuttatu u telqet 'l barra. Hija mill-ewwel infurmat lil ommha b'dak li kien seħħ. Min-naħa tagħha ommha għamlet kuntatt telefoniku ma' Sayed u t-tnejn iltqagħu ċ-Ċirkewwa. Isabella Micallef sostniet li Sayed ikkonferma li verament kien għamel dak li kienet qaltilha Martha. Huwa kien għamel dan peress li kellu suspett lil Martha kellha esperjenza kerha mal-irġiel peress li kienet *gay*.

Sayed mar fl-Għassa tal-Pulizija tal-Qawra biex jagħmel rapport kontra Isabella Micallef peress li kien qed iħossu iffastidjat mit-telefonati

tagħha, mill-messaġġi li hija kienet qed tibgħatlu u mill-posts li hija kienet qed tikteb fuq *Facebook*. F'dik l-okkażżjoni Sayed kien ġie infurmat bir-rapport li kien sar fil-konfront tiegħu minn Martha Micallef. Huwa ġie mogħti d-drittijiet legali tiegħu, fosthom id-dritt tal-Avukat liema dritt huwa rrifjuta. Sayed ċaħad dak li kienet sostniet Martha fir-rapport tagħha. Ċaħad wkoll li huwa kien ammetta dak li kien għamel lil Martha ma' ommha Isabella Micallef waqt li kienu ċ-Ċirkewwa. Osama kompla jgħid li huwa ma riedx li Isabella tkompli tikkomunika miegħu jew li inkella toqgħod titfa' posts fuq *Facebook*.

Ikkunsidrat;

Din il-Qorti hija rinfaċċjata b'verżjonijiet kunflinġenti dwar dak li seħħ jew ma seħħx bejn il-partijiet. Min-naħa 'l waħda hemm il-verżjoni tal-parte civile li spjegat dak li għamlilha l-akkużat waqt li huwa kien qiegħed jaħdem id-dar ta' ommha u l-istqarrija ta' ommha fejn sostniet li l-akkużat kien ammetta magħha dak li huwa allegatament kien għamel. Min-naħa l-oħra hemm iċ-ċaħda kategorika ta' Osama Sayed għal dan kollu.

Il-fatt li Qorti tkun rinfaċċjata b'verżjonijiet kunflinġenti, ma jfissirx li l-Qorti għandha bil-fors tillibera. Kif ingħad fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Graham Charles Ducker**, deċiża fid-19 ta' Mejju 1997: *"It is true that conflicting evidence per se does not necessarily mean that whoever has to judge may not come to a conclusion of guilt. Whoever has to judge*

*may, after consideration of all circumstances of the case, dismiss one version and accept as true the opposing one".* F'tali sitwazzjoni l-Qorti tkun obbligata timxi mal-linji gwida stabbiliti mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza tad-9 ta' Settembru 2002 fil-kawża fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Martin Mark Ciappara:** jew il-Ġudikant ikun tal-fehma li l-każ tal-Prosekuzzjoni ma jkunx ġie sodisfacentement ppruvat, u allura l-Qorti għandha tillibera, jew jekk ikun moralment konvint li l-verżjoni korretta hija waħda u mhux l-oħra, jimxi fuq dik il-verżjoni li jaċċetta u jekk dik il-verżjoni tkun timpronta l-ħtija tal-imputat jew akkużat, allura jiddikjara tali ħtija u jgħaddi għall-piena jew għal xi provvediment ieħor.

L-istess linja ta' ħsieb ġiet espressa mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Jonathan Micallef** mogħtija fit-2 ta' Frar 2012:

> *"Huwa minnu illi jista' jkollok sitwazzjoni fejn numru ta' xhieda qegħdin jagħtu verżjoni differenti minn oħrajn illi xehdu qabel. B'daqshekk ma jfissirx illi għax hemm xhieda differenti bil-fors hemm konflitt li għandha twassal għal liberatorja. Fil-kawża* ***Pulizija vs. Joseph Thorn*** *deċiża mill-Qorti ta' l-Appell Kriminali fid-9 ta' Lulju 2003, il-Qorti qalet '... mhux kull konflitt fil-provi għandu awtomatikament iwassal għal liberazzjoni tal-persuna akkużata. Imma l-Qorti f'każ ta' konflitt ta' provi, trid tevalwa il-provi skond il-kriterji annunċjati fl-Artikolu 637*

*tal-Kap. 9 u tasal għal konklużjoni dwar lil min trid temmen u f'hiex trid temmen jew ma temminx' (ara wkoll* ***Repubblika ta' Malta vs. Dennis Pandolfino*** *19 ta' Ottubru 2006)."*[4]

Dak li għalhekk trid tagħmel din il-Qorti huwa li tevalwa l-verżjonijiet mogħtija u tara tistax tattribwixxi kredibbilita lil xi waħda minnhom. Din il-Qorti fliet fid-dettal l-atti proċesswali b'mod partikolari x-xhieda mogħtija. Il-Qorti tħoss li għandha tissenjala s-segwenti punti u li huma rilevanti sabiex jiġi determinat liema miż-żewġ verżjonijiet hija l-aktar verosimili u kredibbli:

(a) fix-xhieda tagħha, il-parte civile tgħid li l-akkużat beda jkellimha doppju sens u ħażin. Pero imbagħad ma ftakritx il-kliem preċiż li qalilha. Dan minkejja li hija kienet iddejqet mhux ftit b'dan id-diskors u anke ħassitha skomda. Lanqas meta kienet għamlet ir-rapport orġinali mal-Pulizija ma indikat x'kien il-kliem doppju sens li l-akkużat allegatament kien qalilha u li riżultat tiegħu hija kienet ħassitha skomda;

(b) il-parte civile tistqarr li meta l-akkużat beda jkellimha doppju sens hija kienet ħassitha skomda. Fl-istess ħin pero meta skont hi l-

[4] Ara wkoll **Il-Pulizija vs. Patrick Mangion et** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Michele sive Michael Fenech** (deciza fis-17 ta' Settembru 2012), **Il-Pulizija vs. Mohammed Mansur Ali** (deciza fl-24 ta' Jannar 2013), **Il-Pulizija vs. Mario Pace** (deciza fis-6 ta' Frar 2013) u **Il-Pulizija vs. Hubert Gatt** (deciza fil-11 ta' Lulju 2013); **Il-Pulizija vs Raymond Cassar** (deciza fit-13 ta' Jannar 2016).

istess akkużat kien qalilha biex tpoġġi bil-qiegħda fuq is-sodda u tagħlaq għajnejha, hija semgħet minnu u għamlet kif qalilha. Jekk il-parte civile kienet ġia qed tħossha skomda, wieħed isaqsi kif l-istess parte civile qabdet u mingħajr esitazzjoni ta' xejn għamlet dak li l-akkużat kien qalilha tagħmel ?! Għal din il-Qorti, dawn iż-żewġ affarijiet ma jsegwux. Fiċ-ċirkostanzi wieħed kien jistenna lill-parte civile tirrifjuta li tagħmel dak li kien qalilha tagħmel l-akkużat u mhux tagħmel dak li hija ġiet mitluba li tagħmel!

(c) fir-rapport oriġinali li hija għamlet lill-Pulizija il-parte civile spjegat li wara li hija poġġiet fuq is-sodda u għalqet għajnejha, l-akkużat allegatament beda jbusilha saqajha.[5] Pero fid-deposizzjoni tagħha quddiem din il-Qorti diversament preseduta, il-parte civile ma tgħidx li huwa biesha fuq saqajha. Tispeċifika li l-akkużat qabad u daħħal subgħajha ta' saqajha ġo ħalqu.[6] Din hija diverġenza notevoli f'dettal ċentrali għall-każ. Meta l-legali tad-difiża issaqsi jekk l-akkużat bisiliex saqajha, l-parte civile bħal donnha tikkoreġi lill-istess legali u tuża l-kliem *"Redagħli subgħajja, litteralment"*.[7] Għal xi raġuni pero il-parte civile naqset li tforni dan id-dettal lill-Pulizija meta hija għamlet ir-rapport oriġinali;

---

[5] Fol. 8 tal-proċess; affidavit ta' PS 156 I. Attard markat bħala Dokument BCS 2.
[6] Fol. 16 tal-proċess.
[7] Fol. 20 tal-proċess.

(d) stranament wkoll f'dawn il-proċeduri Isabella Micallef ma tatx ix-xhieda tagħha. Huwa minnu li hija għandha proċeduri kriminali fil-konfront tagħha; pero tali proċeduri assolutament mhumiex relatati ma' dan il-każ. Allura din il-Qorti lanqas m'għandha konferma dwar dak l-allegat inkontru li kien seħħ fiċ-Ċirkewwa bejn l-akkużat u Isabella Micallef u jekk f'dik l-okkażżjoni l-akkużat kienx ammetta ma' Isabella Micallef dwar dak li kienet allegat bintha. Dak li qalet Isabella Micallef lill-Pulizija meta bintha għamlet ir-rapport baqa' għalhekk ma ġiex konfermat;

(e) wara li seħħ l-allegat inċident u l-istess Isabella Micallef ġiet a konoxxenza tiegħu – hekk kif ikkonfermat il-parte civile stess – Isabella Micallef kompliet issus wara l-akkużat biex jerġa' jmur għandha d-dar biex jkomplilha x-xogħol li kien għad baqa' xi jsir. Dan ħareġ mic-*chats* li ġew esebiti. Wieħed jistaqsi kemm kien jagħmel sens li omm il-vittma – li kienet konxja ta' dak li allegatament l-akkużat għamel fil-konfront ta' bintha – tibqa' tinsisti miegħu biex huwa jmur lura fl-appartament fejn seħħ il-każ u jkomplilha x-xogħol. Jekk tabilħaqq kien seħħ dak allegat, wieħed kien jistenna li Isabella Micallef taqta' l-kuntatt mal-istess akkużat u tara kif iżżommu 'l bogħod minn darha u mhux tinsisti miegħu biex jerġa' jmur lura għandha!!

(f) l-allegat inċident deskritt mill-parte civile fir-rapport tagħha allegatament seħħ fis-sitta (6) ta' Diċembru 2022. Pero r-rapport

tal-inċident sar biss aktar minn tlett (3) xhur wara u ċioe fid-disgħa u għoxrin (29) ta' Marzu 2023. F'dan iż-żmien kien hemm għaddejja kwistjoni bejn l-akkużat u Isabella Micallef (li tiġi omm il-parte civile) rigward materjal li kellu jiġi supplit mill-akkużat lill-istess Isabella Micallef u liema materjal Isabella Micallef kienet ġia ħallset għalih. Isabella Micallef kienet wkoll qed tiġri wara l-istess akkużat biex huwa jeħles ix-xogħol fl-appartament tagħha. Il-parte civile kienet konxja ta' dawn id-diverġenzi u kwistjonijiet bejn l-akkużat u ommha u fil-fatt tirreferi għalihom b'mod speċifiku fid-deposizzjoni tagħha minkejja li din il-materja kienet kompletament estraneja għall-mertu tal-każ;[8]

(g) f'wieħed mill-messaġġi mibgħuta minn Isabelle Micallef lill-akkużat – liema messaġġi kollha ġew konfermati li kienu awtentiċi mill-espert tal-Qorti – Isabelle Micallef omm il-parte civile tirrikatta lill-akkużat li hija kienet sejra tinforma lill-martu li huwa kellu relazzjoni sesswali magħha u li kienet anke se tgħaddilha ritratti f'dan ir-rigward.[9]

Dak rilevat hawn fuq ipoġġi f'dubju serju l-kredibbilita ta' dak li sostniet il-parte civile. Fiċ-ċirkostanzi għalhekk il-Qorti m'għandhiex is-serħan tal-moħħ neċessarju sabiex abbażi ta' dak li xehdet l-istess parte civile hija tasal sabiex issib ħtija fl-akkużat. Hemm wisq dubji f'dak li l-istess parte civile qalet. Apparti minn hekk il-fatt li kien hemm kwistjonijiet

[8] Fol. 17 tal-proċess.
[9] Fol. 48 tal-proċess.

għaddejjin bejn omm il-parte civile u l-akkużat fi żmien li sar ir-rapport żgur li ma jgħinx; anzi jindika li seta' kien hemm motivi ulterjuri wara r-rapport li sar.

Apparti minn hekk jeżisti wkoll ostakolu legali sabiex tkun tista' tinstab ħtija fir-rigward tal-akkużi li qegħdin jiġu addebitati lill-akkużat. L-akkużi huma dawk kontemplati fl-artikolu 251A tal-Kap. 9 tal-Liġijiet ta' Malta li jitkellem dwar il-fastidju li bl-ingliż huwa definit bħala *"harassement*". Għall-fini ta' sejbien ta' ħtija, dan l-artikolu jirrikjedi li jkun hemm kondotta ripetuta li effettivament twassal sabiex tikkrea fastidju (mhux sempliċi inkonvenjent) lill-parte civile. Dan huwa deżumibbli mill-użu speċifiku tal-kelma *"imġieba"* f'din id-disposizzjoni legali. Fil-każ in diżamina kemm mill-mod ta' kif inhi formulata l-akkuża u anke mix-xhieda li tat il-parte civile, dan kien allegat inċident ta' darba li seħħ fis-sitta (6) ta' Diċembru 2022 u li dam għaddej biss ftit minuti. Dan ifisser għalhekk li l-element essenzjali tar-ripetizzjoni u li huwa neċessarju għall-sejbien ta' ħtija taħt l-artikolu 251A huwa kompletament nieqes.

Fir-repliki tagħhom għas-sottomissjonijiet tad-difiża, kemm l-Uffiċjal Prosekutur u anke l-legali tal-parte civile jagħtu x'jifhmu li fir-rigward tar-reati ipotizzati fil-paragrafi (c), (d) u (e) tal-Artikolu 251A ir-ripetizzjoni tal-imġieba mhux neċessarja u li anke okkażżjoni ta' darba tista' tammonta għal dan ir-reat.

Din il-Qorti assolutament ma taqbilx ma' dan ir-raġunament. Ibda biex il-leġislatur ma jagħmel l-ebda distinzjoni f'dan is-sens. Aktar importanti minn hekk, jekk il-leġislatur qies li l-aġir fil-paragrafi (c), (d) u (e) tal-artikolu 251A huwa tip ta' fastidju li jrid jiġi punit, biex wieħed jista' jitkellem fuq fastidju irid bil-fors ikun hemm l-element ripetittiv. Kuntrarjament għal dak li sostna l-legali tal-parte civile, it-termini fastidju u *harassment* huma identiċi: fastidju hija l-kelma Maltija għall-kunċett ta' *harassment* li ġie definit mill-Black's Law Dictionary[10] bħala "*Words, conduct or action (usu. Repeated or persistent) that being directed at a specific person, annoys, alarms or causes substantial emotional distress in that person and serves no legitimate purpose*". Għalhekk wieħed ma jistax jikkonkludi li hemm fastidju – hu ta' liema natura jkun – jekk ma jkunx hemm l-element ripetittiv. Dan ir-raġunament il-Qorti abbraċċjatu wkoll fil-kunsiderazzjonijiet li saru fil-kawża fl-ismijiet ***Il-Pulizija vs Norman Bugeja***, deċiża fl-erbgħa (4) ta' Ottubru 2022 u konfermata fl-appell fit-tmintax (18) ta' April 2024. L-Ewwel Qorti enfasizzat il-ħtieġa li jrid jiġi pruvat l-element ripettitiv wkoll fir-rigward tar-reati ipotizzati fil-paragrafi (c), (d) u (e) tal-artikolu 251A tal-Kap. 9:

> *"Illi dan l-Artikolu għandu applikabilita' pjuttost wiesa' li jinkorpora kull att jew ġest ta' konnotazzjoni sesswali li seta' kien spjaċevoli għal min kien qed jissubih. Illi f'dawn il-proceduri*

[10] 7th Edition.

*m'hemmx dubju li l-atti magħmula mill-imputat isibu l-applikabilita' tagħhom taħt din id-dispozizzjoni u fejn ukoll m'hemmx dubju li l-minuri wrew l-istmerrija tagħhom għal dawn l-atti magħmulin mill-imputat.*

*Illi l-Qrati nostrani kellhom diversi okkażżjonijiet fejn trattaw dawn it-tip ta' reati fosthom fil-proċeduri bl-ismijiet* ***Il-Pulizija v. Ahmad Yassine*** *deċiża fit-8 ta' Jannar 2020 fejn il-Qorti tal-Appell qalet is-segwenti:-*

*"Illi mal-promulgazzjoni ta' dan ir-reat, il-leġislatur fittex sabiex tiġi issanzjonata dik l-imġieba li tista' toħloq fastidju, għalkemm l-ebda definizzjoni ma tingħata lil dan it-terminu legali.*

*... Illi minn qari ta' din id-disposizzjoni tal-liġi għandu joħroġ illi l-awtur tar-reat irid ikollu l-intenzjoni illi joħloq fastidju lill-vittma tiegħu bl-imġieba tiegħu. Tant hu hekk illi din l-intenzjoni tissarraf* ***f'imġieba volutament ripetuta*** *u intenzjonata sabiex iddejjaq u tivvessa.."*[11]

[11] Il-Pulizija vs Norman Bugeja deċiża fl-erbgħa (4) ta' Ottubru 2022, paġna 17.

Fil-każ in diżamina u abbażi tar-rapport li sar, il-Prosekuzzjoni ma kellha qatt takkuża lill-akkużat bir-reati ipotizzati fl-artikolu 251A iżda bir-reat kontemplat fl-artikolu 207 tal-Kap. 9.[12] Dan l-artikolu jippunixxi kull att ta' natura sesswali mingħajr kunsens u li fih inniffsu ma jkunx jammonta għal xi reat ieħor aktar gravi identifikat fl-artikoli preċedenti. L-artikolu 207 tal-Kap. 9 assolutament ma jirrikjedix l-element ripetittiv u inċident ta' darba jista' jwassal sabiex tinstab ħtija taħt dan l-artikolu.[13] La darba l-Prosekuzzjoni ma tatx din l-akkuża, din il-Qorti hija prekluża milli teżamina jekk ir-reat ipotizzat fl-artikolu 207 irriżultax mill-provi prodotti.

- **<u>Decide</u>**

---

[12] L-artikolu 207 tal-Kap. 9 jistabilixxi: *"Kull min jinsab ħati ta' att ta' natura sesswali mingħajr kunsens li, fih innifsu, ma jkunx jikkostitwixxi wieħed mid-delitti ikkunsmat jew attentat, imsemmijin fl-artikoli ta' qabel ta' dan is-Sub-titolu, jeħel il-piena ta' priġunerija minn tliet snin sa seba' snin."*

[13] Spjegazzjoni ta' dan l-artikolu tatha l-Qorti tal-Appell Kriminali fis-sentenza fl-ismijiet ***Pulizija vs Oglive Grima*** deċiża fit-tletin (30) ta' Settembru 2020 fejn ingħad li:

*" .... permezz tal -emendi introdotti bl-Att XIII tal-2018 dan l-element ġie eradikat biex b'hekk issa l-att materjali tar-reat twessa' u dan meta illum jitqies ħati kull minn jikkometti att ta' natura sesswali mingħajr il-kunsens tal-vittma, bil-liġi ma toffri ebda definizzjoni ta' dak li għandu jikkostitwixxi l - att materjali.*

*...Illi llum l-leġislatur ħaseb sabiex darba għal dejjem jekwipara dan l-element tal-vjolenza ma' dak tan-nuqqas tal-kunsens similment għal posizzjoni legali fil-liġi brittanika fejn kull att sesswali jew tentattiv ta' att ta' natura sesswali mingħajr il-kunsens tal-vittma jammonta għal reita'. Jingħad madanakollu illi l-ġurisprudenza, mal-medda taż-żmien, xorta waħda rabtet dan l-element tal-vjolenza ma' dak fejn jonqos il-kunsens tal -vittma.*

*"L-attentat vjolent għall-pudur, jew oltraġġ vjolenti għall-pudur, hu kostitwit minn dawk l-attijiet impudiċi kollha li jiġu kommessi fuq persuna oħra kontra l-volonta' tagħha li ma jammontawx għal wieħed mid-delitti, ikkunsmat jew attentat, imsemmijin fl-artikoli ta' qabel dak numru 222 tal-Kodici Kriminali. Hu difficli tirraviża l-figura ta' tentattiv ta' dan ir-reat; għax jekk l-attijiet impudiċi għandhom ġai bidu, l-attentat jispiċċa u dawk l-attijiet jirrappreżentaw vjolazzjoni ġia kompleta tad-dritt attakkat, mingħajr ma hemm bżonn li wieħed jara jekk il-ħati rraġġunġiex jew le l-iskop impudiku tiegħu; mentri jekk l-atti impudiċi ma jkollhomx bidu, allura jitqiesu biss bħala atti preparatorji, u l - attentat jisparixxi."*

Għaldaqstant għal dawn il-motivi il-Qorti **<u>mhux qiegħda issib lill-akkużat ħati</u>** tal-akkużi miġjuba fil-konfront tiegħu u għalhekk qed tilliberah minn kull ħtija u piena.

(ft.) Dr. Jean Paul Grech
Maġistrat

(ft.) Diane Farrugia
Deputat Reġistratur

Vera Kopja

Għar-Reġistratur